

# IRRIDU EWROPA LI TKUN TĦADDAN FIHA KULL ETÀ

**Manifest tal-AGE Platform Europe**
Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew 2024

Verżjoni mqassra f'żewġ paġni bil-Malti - Marzu 2024

**Ilkoll kemm aħna qed nikbru fiż-żmien**
Il-kotra tat-tfal li qed jitwieldu fl-Unjoni Ewropea bħalissa x'aktarx li jgħixu għal aktar minn 100 sena.[1]

**Ilkoll kemm aħna qed nikbru fiż-żmien,** iżda l-etaiżmu mhux qed iħallina nagħtu dak kollu li nifilħu nagħtu, u dan jista' jħalli effett fuq is-saħħa, il-benesseri u l-għomor tagħna.

Illum aħna naħdmu, ninvolvu rwieħna fil-ħajja politika, inwettqu xogħol volontarju, nieħdu ħsieb lil ħaddieħor, u naqsmu l-ideat mal-ġenerazzjonijiet żgħażugħa.




**Irridu li għada wkoll nibqgħu nagħmluh dan.**

Bħala **Membru tal-Parlament Ewropew** ta' għada inti tista' taċċerta ruħek illi l-Unjoni Ewropea tindirizza sew ir-realtà ta' popolazzjoni li qed tixjieħ, u taħdem għal soċjetà li tkun taħseb għal kull età.

[1] Sors: Human Mortality Database: www.mortality.org

# Insejħu lill-Parlament Ewropew ġdid li ġej sabiex:

### 1. Jippromwovi l-Ugwaljanza bejn l-etajiet

- Iwessa' lil hinn mill-qasam tal-impiegi l-liġijiet tal-UE dwar diskriminazzjoni minħabba l-età
- Iżid l-għarfien dwar l-etaiżmu
- Jindirizza l-forom diversi ta' diskriminazzjoni
- Jiġbor tagħrif dettaljat u bla limiti dwar ix-xjuħija
- Jappoġġja konvenzjoni tan-NU dwar drittijiet tal-anzjani

### 2. Jinkoraġġixxi l-Involviment u l-anzjanità attiva

- Jassigura li l-anzjani jkunu involuti fl-aspetti kollha tal-ħajja
- Jiggarantixxi l-aċċess ugwali tal-anzjani għall-prodotti u għas-servizzi essenzjali
- Jiffaċilita t-transizzjoni minn stadju għall-ieħor tal-ħajja
- Jippromwovi s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet

### 3. Jiżgura Awtonomija u Benesseri

- Isaħħaħ s-sostenibilità fil-ħajja tax-xogħol
- Jassigura li d-dħul tal-anzjani jkun wieħed adegwat
- Iħares kontra l-abbuż fuq l-anzjani
- Jippromwovi l-awtonomija u d-dinjità fl-għoti tal-kura

## Kif?

- Billi jaħdem għall-adozzjoni ta' **Strateġija tal-UE għal Ugwaljanza bejn l-Etajiet**.
- Billi jitlob li jkun hemm koordinazzjoni sħiħa bejn is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea taħt id-direzzjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumatur, responsabbli mill-ugwaljanza.
- Billi jerġa' jitwaqqaf l-Intergrupp parlamentari (Parlament Ewropew) dwar l-Anzjanità u Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet *(Intergroup on Ageing and Solidarity between Generations).*



**Aqra l-Manifest sħiħ**

Il-Manifest issawwar bil-kontributi tal-**Membri tal-AGE Platform Europe**.
www.age-platform.eu

**Take Action** | Share #AGEManifesto2024 on Social Media

**Contact** | Julia Wadoux - julia.wadoux@age-platform.eu

Co-funded by the European Union

Co-funded by the European Union. Views and opinions expressed are however those of the author(s) only and do not necessarily reflect those of the European Union. Neither the European Union nor the granting authority can be held responsible for them.
Transparency Register ID: 16549972091-86

Photo Credits
Centre for Ageing Better